**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 258/09VG**

**Integrated Electronics Limited**

**Vs**

**Attrans Limited**

**Illum 6 ta' Frar 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà Integrated Electronics Limited fit-13 ta' Lulju 2009 in forza ta' liema titlob li s-socjetà Attrans Limited tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' ghaxart elef disa' mija sitta u sittin Euro (€10,966) rapprezentanti danni sofferti minnha a kawza ta' negligenza da parte ta' Attrans Limited, ghal liema negligenza hija unikament u esklussivament responsabbli l-imsemmija Attrans Limited, in konnessjoni ma' inkarigu ta' garr ta' merkanzija minnha lilha moghti, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali bin-Nurmu 1009/09 u tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1171/09, kontra s-socjetà Attrans Limited;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Attrans Limited permezz ta' liema topponi ghat-talba attrici u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici, stante li l-ammont ta' €10,966 minnha reklamat ma huwiex dovut, *in toto* jew *in parte*, in kwantu l-allegazzjonijiet taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta fost l-ohrajn mid-Delivery Order u mill-Gate Pass Out li juru b'mod car li l-merkanzija kollha giet ikkonsenjata lis-socjetà attrici;

Rat l-affidavit ta' Noel Spiteri u d-dokumenti annessi mieghu esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fil-25 ta' Novembru 2010 a fol. 15 sa' 39 tal-process u rat l-affidavit ulterjuri ta' Noel Spiteri u d-dokument anness mieghu esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' Novembru 2011 a fol. 57 sa' 60 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Lorry Ciantar moghtija waqt is-

seduti tal-25 ta' Novembru 2010[1] u tat-13 ta' Frar 2012[2] u rat id-dokument markat Dok. "LG1" a fol. 40 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Tony Scerri moghtija waqt is-seduti tat-28 ta' April 2011[3], ta' l-10 ta' Ottubru 2011[4] u tal-5 ta' Dicembru 2011[5] u rat id-dokument markat Dok. "TS1" a fol. 46 tal-process, semghet ix-xhieda in kontro-ezami ta' Noel Spiteri moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2012[6] u x-xhieda ta' Sandro Borg moghtija waqt is-seduti tat-22 ta' Marzu 2012[7] u tat-12 ta' Gunju 2012[8] u ta' Robert Farrugia moghtija waqt is-seduti tat-22 ta' Marzu 2012[9] u tat-12 ta' Gunju 2012[10] u rat id-dokument markat Dok. "GV1" a fol. 74 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' €10,966 rapprezentanti danni sofferti minnha a kawza ta' negligenza da parte ta' l-istess socjetà konvenuta, ghal liema negligenza hija unikament u esklussivament responsabbli l-imsemmija socjetà konvenuta, in konnessjoni ma' inkarigu ta' garr ta' merkanzija minnha (ossia s-socjetà attrici) lilha (ossia s-socjetà konvenuta) moghti. Is-socjetà konvenuta tikkontesta t-talba attrici u tikkontendi li ebda ammont ma huwa minnha dovut lis-socjetà attrici stante li kif jirrizulta mid-Delivery Order u mill-Gate Pass Out il-merkanzija kollha giet konsenjata lis-socjetà attrici b'dana ghalhekk li l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet taghha huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Mill-provi prodotti jirrizulta li fil-31 ta' Ottubru 2008 is-socjetà attrici ordnat u eventwalment akkwistat minghand is-socjetà estera NRG International Ltd. ammont ta' *brochures*, *digital duplicator supplies, digital copier supplies, digital copier machines* u *digital copier peripherals,* li appuntu gew deskritti minn Noel Spiteri, Direttur tas-socjetà attrici, bhala *magna tal-fotokopja li nirreferu ghaliha bhala photocopier b'volum ta' 0.9594 metru kubu, finisher li huwa accessorju li jehel ma' l-istess magna b'volum ta' 0.7314 metru kubu* u *kaxxa ta' inka li nirreferu ghalihoma bhala toner b'total bejniethom b'volum ta' 0.2763 metru kubu, b'total ta' piz ta' 369.60 kilogrammi*[11], ghall-valur komplessiv ta' €12,607.76[12]. Is-socjetà attrici inkarigat lis-socjetà konvenuta bit-trasport ta' din

[1] Fol. 41 sa' 43 tal-process.
[2] Fol. 71 u 72 tal-process.
[3] Fol. 47 sa' 49 tal-process.
[4] Fol. 54 u 55 tal-process.
[5] Fol. 62 u 63 tal-process.
[6] Fol. 68 sa' 70 tal-process.
[7] Fol. 75 sa' 78 tal-process.
[8] Fol. 83 sa' 85 tal-process.
[9] Fol. 79 u 80 tal-process.
[10] Fol. 86 sa' 89 tal-process.
[11] Affidavit ta' Noel Spiteri, fol. 16 tal-process.
[12] Fattura datata 4 ta' Novembru 2008 mahruga minn NRG International Limited a fol. 22 u 23 tal-process.

il-merkanzija mill-imhazen tas-*supplier* taghha gewwa l-Olanda ghal hawn Malta u l-eventwali konsenja lilha ta' l-istess merkanzija. A sua volta s-socjetà konvenuta inkarigat lid-ditta BBC Mediterranean Forwarders B.V. biex jigbru l-merkanzija tas-socjetà attrici minghand id-ditta NRG u tittrasportaha ghal fuq it-trailer eventwalment destinat ghal Malta. Meta is-socjetà attrici hadet konsenja tal-merkanzija trasportata mis-socjetà konvenuta rrizulta li filwaqt li t-*toners* gew konsenjati, il-*photocopier* u l-*finisher* li kellha tintrama mal-*photocopier* ma gewx konsenjati bil-konsegwenza li hi kellha terga' tordnahom mill-gdid minghand id-ditta NRG. Ta' dan in-nuqqas is-socjetà attrici qed izzomm unikament responsabbli lis-socjetà konvenuta in kwantu kienet inkarigata mit-trasport tal-merkanzija **kollha** minnha akkwistata minghand id-ditta NRG, filwaqt li s-socjetà konvenuta tikkontendi li bhala fatt hija ttrasportat u kkonsenjat il-merkanzija **kollha li ngabret** ghas-socjetà attrici minghand id-ditta NRG u dana billi kif jidher fuq id-dokumentazzjoni pertinenti hija ttrasportat u kkonsenjat 21 cartons, li kienu l-21 cartons effettivament migbura mill-burdnar tas-socjetà attrici mill-*bonded stores* taghha gewwa Hal Far.

Mill-*packing list* mahruga mid-ditta NRG International Limited jirrizulta li l-ordni tas-socjetà attrici kien jikkonsisti f'*total number of packages 3* konsistenti f'*multifunctional product 80ppm, 3000/1000 Sht Finisher MP55/65* u diversi brochures u elementi ta' toners u inka, b'*total outer cartons 21*, *grand total cubic metres 1,9642* u *gross weight* 369,600[13]. B' e-mail datata 18 ta' Novembru 2008 minghand id-ditta NRG lil Noel Spiteri, is-socjetà attrici rceviet kopja tal-CMR Document relattiv ghal dan it-trasport ossia *the CMR signed by your forwarder for 21 cartons*, u giet infurmata li *those 21 cartons will include the machine and finished. We are continuing our investigation however and will advise you the outcome as soon as possible*[14]. Mill-CMR Document jirrizulta li l-ordni gie packed on *3 pallets* u kien jikkonsisti fi *21 CTNS office equipment* b'piz totali ta' 369,600 kilos[15]. B' e-mail datata 19 ta' Novembru 2008 id-ditta NRG infurmat lis-socjetà attrici li *our investigation into your reported shipping problem is now concluded and we wish to confirm that the complete consignment of 3 pallets did leave our warehouse facility, with your appointed forwarder. No pallets have been left behind at our warehouse*[16]. Is-socjetà attrici ghalhekk kellha konferma li minghand is-supplier taghha giet effettivament migbura l-merkanzija kollha minnha ordnata.

Mid-dokument mahrug minn BBC Mediterranean Forwarders B.V., ossia d-ditta inkarigata mis-socjetà konvenuta ghat-trasport tal-merkanzija minghand id-ditta NRG ghat-trailer destinat ghal Malta, jirrizulta li hija gabret minghand l-isemmija ditta NRG *21 ctns printers + parts* b'piz ta' *370 kgs* u b'volum ta' *2m3*[17]. Minn dan id-dokument jirrizulta ghalhekk li d-ditta BBC Mediterranean Forwarders B.V. gabriet il-merkanzija kollha – appuntu konsistenti f'*printers + parts* - li s-socjetà attrici ordnat u akkwistat minghand id-ditta NRG.

---

13 Fol. 24 tal-process.
14 Fol. 35 tal-process.
15 Fol. 37 tal-process.
16 Fol. 36 tal-process.
17 Dok. "TS1" a fol. 46 tal-process.

Min-Notice of Arrival datata 8 ta' Novembru 2008 mahruga mis-socjetà konvenuta jirrizulta li fl-10 ta' Novembru 2008 kellha tasal Malta l-konsenja ta' merkanzija tas-socjetà attrici konsistenti fi *21 cartons printers & parts* b'*gross weight 370.00 kgs, measuring 1.97CBM*[18] u eventwalment fit-12 ta' Novembru 2008 is-socjetà konvenuta harget fattura ghas-servizzi prestati minnha b'referenza ghat-trasport u konsenja ta' *21 cartons printers & parts* b'*gross weight 370.00 kgs, measuring 1.97CBM*[19]. Minn dawn id-dokumenti ghalhekk jidher li dak li kien mistenni li jasal Malta kienet il-konsenja tal-merkanzija kollha ordnata w akkwistata mis-socjetà attrici minghand id-ditta NRG.

Finalment mid-Delivery Order datata 10 ta' Novembru 2008 jirrizulta li l-*officer in charge of Bonded Stores* kien qed jigi awtorizzat jirrilaxxa a favur is-socjetà attrici u/jew rapprezentant taghha *21 cartons printers & parts* b'*gross weight 370.00 kgs, measuring 1.97CBM*[20] b'dana ghalhekk li s-socjetà attrici kellha tircievi l-konsenja tal-merkanzija kollha minnha ordnata w akkwistata minghand id-ditta NRG.

Dawn id-dokumenti huma kollha konformi ma' xulxin in kwantu rigwarda numru ta' cartons, piz u volum tal-merkanzija li giet ordnata mis-socjetà attrici u li eventwalment kellha tigi kkonsenjata lilha izda, bhala fatt, meta l-merkanzija giet ikkonsenjata lis-socjetà attrici rrizulta li kien hemm volum ferm inqas minn dak dikjarat fuq id-dokumentazzjoni kollha pertinenti ghal dan il-kaz. Dan johrog ferm car mhux biss mix-xhieda ta' Noel Spiteri, Direttur tas-socjetà attrici, izda anke mix-xhieda ta' Tony Scerri, Operations Manager tas-socjetà konvenuta. Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-28 ta' April 2011[21], Tony Scerri iddikjara li *mill-manifest* (ossia d-dokument imhejji mid-ditta BBC Mediterranean Forwarders B.V. esebit bhala Dok. "TS1" a fol. 46 tal-process) *jirrizulta illi l-merkanzija li ngabret minghand l-NRG li kienet destinata lill-Integrated Electronics li hija mnizzla n-numru 9 fuq dak il-manifest, l-ispecifications huma li kien hemm wiehed u ghoxrin cart konsistenti fi printers and parts bil-qies ta' 370 kilo u bil-piz ta' 370 kilo u bil-volum ta' 2 cubic metres. Mal-wasla tieghu Malta t-trailer f'Hal Far bonded warehouse u meta imbaghad d-dokumentazzjoni necessarja tad-dwana tigi ippreparata l-istess jigi rilaxxat. Minn Malta l-volum ta' merkanzija li giet rilaxxjata favur is-socjetà attrici kien ta' 0.6 cubic metres. Meta jasal hawn Malta ahna nkejjlu x-xoghol u fil-fatt sibna li x-xoghol li wasal kellu volum ta' 0.6 cubic metres.*

Minkejja din id-diskrepanza piuttost notevoli bejn il-volum tal-merkanzija li ingabret minghand id-ditta NRG u l-volum tal-merkanzija effettivament konsenjata lis-socjetà attrici, is-socjetà konvenuta tinsisti li hija kkonsenjat il-merkanzija kollha li kellha tikkonsenja ghaliex ikkonsenjat 21 cartons kif hemm miktub fuq id-dokumenti pertinenti ghal dan il-kaz. Fix-xhieda li ta waqt is-

[18] Fol. 21 tal-process.
[19] Fol. 20 tal-process.
[20] Fol. 28 tal-process.
[21] Fol. 47 sa' 49 tal-process.

seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2011[22], Tony Scerri iddikjara li *ghalkemm fuq il-manifest tal-merkanzija mertu tal-proceduri kien hemm indikat volum ta' 2 cubic metres, meta fil-fatt irrizulta li kien hemm 0.6 cubic metres, ahna ma' l-agent taghna ma vverifikajniex li kien hemm din id-diskrepanza ghar-raguni li ghalina l-measurements attwali kienu dawk li jittiehdu malli l-merkanzija tasal Malta specjalment meta n-numru ta' packages f'dan il-kaz qablu.*

Huwa evidenti li s-socjetà konvenuta fl-ahhar mill-ahhar tikkontendi li l-volum dikjarat tal-merkanzija trasportata ma huwiex ta' importanza ghaliha ghall-finijiet ta' konsenja eventwali u dana billi skontha gew konsenjati 21 cartons lis-socjetà attrici. Il-Qorti però ma taqbilx ma' din il-pretensjoni tas-socjetà konvenuta u difficilment tista' taccetta li l-volum konsistentement dikjarat fuq id-dokumentazzjoni kollha pertinenti ghall-kaz in ezami ghandu jigi ghal kollox injorat ghall-finijiet ta' konsenja. Ghalkemm is-socjetà konvenuta issa tidher li qed twarrab jew ahjar timminimizza l-importanza tal-volum dikjarat tal-merkanzija li tkun inkarigata biex tittrasporta, fix-xhieda li Tony Scerri stess ta waqt is-seduta tat-28 ta' April 2011[23], ghall-mistoqsija jekk is-socjetà konvenuta inghatatx specifications ta' x'kienet il-merkanzija in kwistjoni rrisponda, *bl-amment ma niftakarx, madanakollu ahna bhala policy taghna ahna dejjem nitolbu li ninghataw il-kwantità, il-weight u l-measurements tal-merkanzija li tkun ser tingieb. L-NRG Direct li kienu s-suppliers tas-socjetà attrici fl-Olanda kienu tawna indikazzjoni tal-weight u tal-measurements. Il-weight kien ta' 370 kilo filwaqt li l-measurements 1.96 cubic metres. Din l-informazzjoni jekk niftakar sew inghatat lilna minghand l-NRG Direct ghar-raguni li meta tigi placed order maghna ahna niccekkjaw mas-supplier biex jikkonferma meta ordni jkun lest u mal-konferma imbaghad jerga' jibghatlina l-ispecifications li huma l-weight, l-measurements.* Minn din ix-xhieda jirrizulta evidenti li ghall-finijiet ta' trasport ta' merkanzija altru milli l-volum u anke l-piz tal-merkanzija in kwistjoni ma humiex ta' importanza u rilvenza.

Is-socjetà konvenuta tinsisti li hija strahet fuq l-ispecifications moghtija lilha mid-ditta NRG li kienet is-*supplier* tas-socjetà attrici u donnha tixhet ir-responsabilità ta' dak dikjarat kompletament fuqha u tramite Tony Scerri addirittura tikkontendi li l-agent taghha li jigbor il-merkanzija minghand is-*supplier* ma joqghodx jivverifika l-piz u volum tal-merkanzija kif dikjarati. Filwaqt li l-Qorti tista' tifhem li l-agent tas-socjetà konvenuta jew l-agent ta' kwalunkwe ditta li toffri servizzi ta' trasport ta' merkanzija mhux se joqghod jivverifika fid-dettal il-piz u volum tal-merkanzija kif dikjarati, hija konvinta li dan l-istess agent mad-daqqa t'ghajn ikun jista' jara li l-volum dikjarat ma jaqbilx mal-volum ta' dak li qed jigbor partikolarment meta d-diskrepanza tkun wahda notevoli bhal ma kienet fil-kaz in ezami. B'hekk ladarba l-agent tas-socjetà konvenuta ma ghamel l-ebda rimakra dwar il-volum ta' dak minnu migbur minghand id-ditta NRG jista' jfisser haga wahda biss, u cioè li l-merkanzija li huwa gabar minghand id-ditta NRG li kienet destinata ghas-socjetà attrici hawn Malta kienet merkanzija li kellha volum kif effettivament dikjarat fid-

[22] Fol. 54 u 55 tal-process.
[23] Fol. 47 sa' 49 tal-process.

dokumentazzjoni u mhux kif eventwalment konsenjat lis-socjetà attrici. Dana fil-fehma tal-Qorti jwassal ghall-konkluzzjoni li kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà konvenuta, l-istess socjetà ma kkonsenjatx il-merkanzija kollha li giet inkarigata tittrasporta w eventwalment tikkonsenja lis-socjetà attrici.

Hemm zewg fatturi ohra li qed jigu kompletament sorvolati mis-socjetà konvenuta ghad illi fil-fehma tal-Qorti huma ta' importanza fil-kaz in ezami u cioè id-deskrizzjoni tal-merkanzija bhala ***printers*** ***& parts*** meta bhala fatt gew konsenjati biss toners u l-fatt li l-merkanzija eventwalment konsenjata lis-socjetà attrici giet konsenjata lilha kompletament sfuza meta din kellha tkun packaged.

Kemm il-*packing list*[24] kif ukoll il-CMR Document[25] juru bic-car li l-konsenja ta' merkanzija destinata ghas-socjetà attrici w effettivament migbura mill-imhazen tad-ditta NRG da parte tad-ditta BBC Mediterranean Forwarders B.V., ma kenitx tikkonsisti biss minn inka, toners u brochures imma kienet kjarament tinkludi photocopier u finisher. Kemm il-*packing list* kif ukoll il-CMR Document juru bic-car li din il-merkanzija kollha kellha tkun fi tlett packages, liema tlett pacakges però ma waslux ghand is-socjetà attrici li bhala fatt irceviet biss 21 *cartons* **sfuzi**. Il-fatt li dawn il-21 cartons waslu ghand is-socjetà konvenuta, u per konsegwnza konsenjati lis-socjetà attrici, sfuzi jirrizulta mix-xhieda ta' Robert Farrugia, impjegat mas-socjetà konvenuta li xogholu huwa li jissorvelja l-merkanzija waqt li din qed tinhatt mit-trailers taghhom. In effetti fix-xhieda in kontro-ezami waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2012[26], Robert Farrugia bla ebda ezitazzjoni ta' xejn iddikjara li l-21 *carton* li wasslu mill-merkanzija destinata lis-socjetà attrici kienu wahdiet, ossia sfuzi.

Fil-fehma tal-Qorti dawn il-fatti juru b'mod car li l-merkanzija tas-socjetà attrici f'xi hin waqt it-tragitt mill-imhazen tad-ditta NRG sal-wasla taghha hawn Malta, ossia tul il-perijodu li din il-merkanzija kienet, fil-kuntest tar-relazzjoni bejn is-socjetajiet kontendenti, taht ir-responsabilità tas-socjetà konvenuta, giet ghal raguni jew ohra sfuza bil-konsegwena li parti mill-konsenja, in verità l-iktar parti sostanzjali w importanti tal-konsenja, ma gietx konsenjata lis-socjetà attrici.

Huwa ben car li r-relazzjoni guridika bejn is-socjetà attrici u s-socjetà konvenuta kienet regolata mill-Konvenzjoni CMR, inkorporata fil-Ligi nostrali in forza ta' l-Att dwar il-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija, Kap. 486 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Konvenzjoni kjarament tipprovdi li *the carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery* u li l-oneru tal-prova li l-*carrier* ma ghandux ikun hekk soggett ghal tali responsabilità (hlief fejn jidhlu *special risks*) jinkombi esklussivament fuq l-istess *carrier*.

Fir-rigward tar-responsabilità tal-*carrier* kif nascenti mill-Konvenzjoni CMR issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **TF Clothing Limited v. Attrans Limited,**

[24] Fol. 24 tal-process.
[25] Fol. 37 sa' 39 tal-process.
[26] Fol. 86 sa' 89 tal-process.

**App. Civili Nru. 376/12** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Gunju 2015 fejn gie osservat illi *skond il-kuntratt ta' trasport bejn il-partijiet fil-kawza odjerna, it-trasport kien wiehed regolat "under CMR conditions". Illi minn dan johrog illi l-garr tal-merkanzija in kwistjoni sar taht ir-regolamenti tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kuntratt ghall-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (CMR), li ghandhom forza ta' ligi f'Malta permezz tal-Att dwar Garr Stradali Internazzjonali ta' Malta (Kap. 486 tal-Ligijiet ta' Malta), u kwindi r-relazzjoni bejn il-kontendenti hija suggetta ghall-istess Konvenzjoni. Dan ifisser illi kif inhu stipulat fl-artikolu 17(1) ta' din il-Konvenzjoni, "the carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery". "Jikkonsegwi minn dan l-artikolu illi malli l-merkanzija tigi affidata lit-trasportatur din tghaddi taht il-kontroll u l-kustodja tieghu u hu jsir id-detentur taghha fl-interess ta' l-esportatur jew tar-ricevitur. Dan, s'intendi, sal-mument li dak il-kontroll fuq il-merkanzija jghaddi f'idejn ir-ricevitur. Biex jiskansa ruhu mir-responsabilita` ghan-nuqqas jew dannu fil-merkanzija, it-trasportatur jehtieglu jiddemostra ghal konvinciment ta' min irid jiggudika illi dak in-nuqqas jew dannu sehh ghal xi raguni mhux imputabbli lilu skond xi wahda mill-eccezzjonijiet kalendati fis-subinciz (2) ta' l-istess artikolu 17, u cjoe, li dak l-istess telf jew hsara "was caused by the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as a result of its wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.1 " L-artikolu 18(1) ta' l-istess Konvenzjoni, imbaghad jiddisponi illi "the burden of proving that loss, damage or delay was due to one of the causes specified in article 17, paragraph 2, shall rest upon the carrier." Fi kliem iehor, jaggrava fuq it-trasportatur l-oneru li jipprova li hu ma kienx negligenti u li d-dannu sehh f'cirkustanzi li ma kienux prevedibbli jew evitabbli. Minn dan l-aspett ma hemm xejn gdid li ma nsibuhx ukoll fl-Artikolu 1630 talKodici Civili taghna relattiv ghar-responsabilita` tal-vettural u, dawk, talprincipji generali tad-dritt dettati fl-Artikoli 1133 u 1134 ta' l-istess Kodici"*[27].

Meta l-fatti tal-kaz jigu kkunsidrati fid-dawl tal-principju guridiku hawn appena citat jirrizulta b'mod evidenti li s-socjetà konvenuta ma rnexxilhiex tissodisfa l-oneru tal-prova impost fuqha bil-Ligi, senjatament bil-Konvenzjoni CMR, u cioè li n-nuqqas fil-merkanzija konsenjata lis-socjetà attrici ma kienx ghal raguni attribwibbli lilha u di responsabilità taghha.

In kwantu rigwarda l-*quantum* tad-danni pretizi mis-socjetà attrici, mill-provi minnha prodotti jirrizulta li hija effettivament hallset ghall-photocopier u finisher li ma gewx lilha konsenjati mis-socjetà konvenuta. In effetti ma' l-affidavit ulterjuri ta' Noel Spiteri esebit permezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' Novembru

[27] Vide wkoll Appell Civili Numru. 547/2006/1 "Gasan Mamo Insurance Ltd kif surrugata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Krea (Malta) Limited skond il-ligi u l-polza ta' assikurazzjoni vs Attrans Limited" 3 ta' Ottubru, 2008.

2011[28], giet annessa *Application for Payment Order Outwards* mal-Bank of Valletta p.l.c[29], li minnha jirrizulta pagament lid-ditta NRG International Limited ghall-fattura, fost ohrajn, bin-numru 310140, li hija l-fattura pertinenti ghall-merkanzija li kellha tigi trasportata u konsenjata mis-socjetà konvenuta. Minn din il-fattura, esebita a fol. 22 u 23 tal-process, jirrizulta li l-photocopier u finisher akkwistati mis-socjetà attrici izda li ma gewx konsenjati lilha flimkien jammontaw ghal €10,634, liema ammont appuntu jirrapprezenta d-danni sofferti mill-istess socjetà.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk ghad illi t-talba tas-socjetà attrici in kwantu rigwarda ir-responsabilità tas-socjetà konvenuta ghad-danni minnha sofferti tirrizulta gustifikata u b'hekk jisthoqq li tigi milqugha, il-kundanna effettiva ghall-hlas tad-danni subiti ghandha tkun limitata sa' l-ammont ta' €10,634 li huwa l-*quantum* ta' danni li gie effettivament ippruvat mill-istess socjetà attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta, tilqa' t-talba tas-socjetà attrici u peress illi is-socjetà konvenuta hija unikament responsabbli ghall-fatt li mhux il-merkanzija kollha ordnata w akkwistata mis-socjetà attrici mid-ditta NRG International Limited giet konsenjata lill-istess socjetà attrici, tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €10,634 rapprezentanti id-danni minnha sofferti b'konsegwenza tan-nuqqas da parte ta' l-istess socjetà konvenuta, bl-imghax legali dekoribbli mit-23 ta' Lulju 2009, id-data tan-notifika tar-Rikors promotur lis-socjetà konvenuta, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi l-ispejjez relattivi ghall-ittra ufficjali bin-Numru 1009/09 u ghall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1171/09, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà konvenuta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

[28] Fol. 57 u 58 tal-process.
[29] Fol. 59 u 60 tal-process.